# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 13 ta' Lulju 2016.**

**Rikors Numru: 261/2014 CSH**

**L-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

**vs**

**Dr Noel Cutajar li skond Digriet tad-19 ta' Frar 2016**
**gie nominat bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta**
**s-socjeta' konvenuta Flamboyant Shipping Co Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li gie pprezentat nhar l-4 ta' Awwissu 2014 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' tlett elef, tmien mija u sbatax-il ewro u hamsin centezmu (€3,817.50), dovuta minnha lill-Awtorita' attrici fi drittijiet tal-port diversi, inkluz drittijiet ta' rmigg (berthage dues), skont l-istatement of account anness bhala "Dok A".

Bl-ispejjez gudizzjarji u extra-gudizzjarji relattivi ghal din it-talba, kif ukoll bl-imghax legali applikabbli skont il-ligi mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv, u b'ingunzjoni minn issa ghas-subizzjoni.

Ghal kull bwon fini ghandu jinghad illi ghalkemm il-kumpanija konvenuta hija registrata f'Cipru (ara Dok B anness), ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-operat taghha f'Malta, hija zzomm ufficcju f'Marsaxlokk, u ghalhekk se ssir notifika f'dak l-indirizz. Giet annessa traduzzjoni bl-Ingliz ta' dan ir-rikors.

Rat ir-risposta ta Dr. Noel Cutajar bhala Kuratur Deputat ghan-nom u in rappresentanza ghas-socjeta' Flamboyant Shipping Company Limited fejn eccepixxa:

1. "*Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edott mill-fatti u ghalhekk jirriserva li jippresenta risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielu jikkomunika mal-intimat minnu rappresentati u f'dan ir-rigward minn issa jitlob lir-rikorrenti tipprovdilu kull informazzjoni li jista' ghandha dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimat u dan jekk ghandha informazzjoni ohra, oltre dik diga' provduta fir-rikors.*
2. *Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.*"

Semghet ix-xhieda moghtija minn **Robert Vassallo** nhar is-17 ta' Mejju 2016 ghan-nom u in rapprezentanza tal-Awtorita' ghat-Trasport F'Malta fejn iddikjara li huwa jahdem bhala *legislation* u *compliance manager* fi hdan id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting. Huwa esebixxa l-ahhar statement mahrug mill-Awtorita' rikorrenti fil-konfront tas-socjeta' konvenuta liema dokument huwa datat 17 ta' Mejju 2016 u gie mmarkat bhala Dok JM u dan jindika li l-*port dues* u *berth dues* li s-socjeta' konvenuta ghandha taghti lill-Awtorita' rikorrenti. Huwa kkonfema li l-ammont dovut huwa ta' €5,532.50. Huwa kkonferma li s-socjeta' konvenuta ma ghamlet l-ebda pagament wara l-hrug ta' l-istatement datat 28 ta' lulju 2014. Huwa kkonferma ghalhekk li l-ammont imsemmi fir-rikors promotur ghadu kollu dovut fl-ammont ta' tlett elef tmien mija u sbatax-il ewro u hamsin centezmu (€3,817.50).

Rat in-nota ta' **Dr Noel Cutajar** esebita fl-atti nhar it-3 ta' Gunju 2016 li permezz taghha huwa esebixxa ittra mibghuta lis-socjeta' estera konvenuta fl-indirizz taghha Marsaxlokk kif ukoll gewwa Cipru, ricevuti tal-ittri registrati mibghuta fl-indirizz imsemmi, kopja tat-track and trace record tal-Maltapost fl-indirizz imsemmija u records ricenti fuq il-kumpanija konvenuta.

Minn ezami ta' dawn id-dokumenti jidher li s-socjeta' konvenuta giet notifikata bl-ittra mibghuta lilha mill-kuratur fl-indirizz taghha gewwa M'Xlokk nhar is-16 ta' April 2016.

Rat dak li gie verbalizzat minn Dr. Noel Cutajar fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2016 u cioe' li minkejja li s-socjeta' estera giet notifikata bl-ittri mibghuta lilu, is-socjeta' estera baqghet ma ghamlet l-ebda komunika mieghu u ghalhekk m'ghandu xejn x'izid mar-risposta minnu gja prezentata.

Illi ghalhekk stante li t-talba attrici ma gietx ikkontestata mis-socjeta' estera minkejja li giet notifikata bir-rikors promotur u in oltre kellha komunika mill-kuratur deputat li gie nominat minn din l-Qorti sabiex jiehu hsieb l-interessi taghha, din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li tilqa' it-talba attrici.

Illi mill-atti ma jirrizultax li effettivament is-socjeta' estera konvenuta ghamlet xi pagament u ghalhekk id-domanda attrici ghandha tigi milqugha.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tilqa' it-talba attrici b'dan illi qed tikkundanna lis-socjeta' estera konvenuta thallas lis-socjeta' attrici dik is-somma pretiza minnha fir-rikors promotur u cioe' l-ammont ta' tlett elef, tmien mija u sbatax-il ewro u hamsin centezmu (€3,817.50) ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess rikors promotur.**

**Bl-ispejjez gudizzjarji u extra-gudizzjarji relattivi skond taxxa li trid tigi mahruga mill-Qorti volontarja in konnessjoni ghal din it-talba, kif ukoll bl-imghax legali applikabbli skont il-ligi mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**